# LECTIO DIVINA

# GĦID IL-ĦAMSIN (C)

## Ġw 14,15-16.23b-26

**v. 15: “Jekk tħobbuni...”**

Dan il-verb li jħaddan il-kelmiet tħobb/kmandament/tħares jifforma inklużjoni letterarja mal-vers 21: “Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi.”

Għall-ewwel darba Ġesù jitlob imħabba lejH. Imma dan jagħmlu biss wara li jkun abilitahom biex iħobbu bi mħabbtu. Tant kien ħabbhom li ma jistgħux ma jħobbux. U biss wara dan li jitlob imħabbithom! Din l-imħabba hija reali billi jħarsu l-kmandamenti tiegħu.

**v. 15: “ħarsu l-kmandamenti tiegħi.”**

Il-verb *tereo* huwa wżat minn San Ġwann fil-vanġelu tiegħu biex jindika l-ħarsien tal-kmand ta’ Ġesù (Ġw 14,21; 15,10). 1 Ġw 3,15: “Għax din hi l-imħabba ta’ Alla, li nżommu l-kmandamenti tiegħu; u l-kmandamenti tiegħu mhumiex tqal.” Imma t-tifsira hija aktar wiesa’: Ġesù joffri alternattiva għax-*Shema Israel* ta’ Dewt 6,4-6.

Nistaqsu għalfejn fil-plural meta Ġesù kien qal li kmandament wieħed għandu? Hemm kmandament wieħed dik li jilqgħu mħabbtu u li jikkomunikawha lill-oħrajn billi jsiru kanali tal-imħabba fil-qadi, fl-imħabba fidila u fir-rispett. Għalhekk wieħed jista’ jitkellem mill-manifestazzjonijiet esterjuri ta’ dan l-uniku kmandament, imsejħa dawn kmandamenti.

Mela dawn mhumiex preċetti esterni għall-bniedem, li jrid josserva. Imma huma manifestazzjonijiet esterni tal-interjorità tiegħu moħmija fl-imħabba.

**v. 16: “U jiena nitlob lill-Missier,”**

Hemm relazzjoni intimi ma’ Alla li twasslu biex jagħrfu u jqisu b’Missieru u dan l-aktar li joħroġ fid-dieher fit-talb. Aktar ma Ġesù jitlob, aktar jikkwalifika lilu nnifsu bħala iben il-Missier. It-talb huwa l-aqwa espressjoni li Ġesù jinqeda biha biex juri li huwa tassew iben.

**v. 16: "u hu jagħtikom Difensur ieħor"**

It-talba ta' Ġesù taqla' mingħand il-Missier difensur, paraklitu, protettur - mhux tant isem daqskemm espressjoni tal-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Huwa dak imsejjaħ b'għajnuna biex ma tibqax waħdek (*consolo/parakaleo*).

*Allon*: tindika li hemm żewġ parakliċi, wieħed fis-sema li jikkorrispondi ma' dak fl-art. 1Ġw 2,1: "Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust."

**v. 16: "Biex jibqa' magħkom għal dejjem."**

Importanti din l-affermazzjoni qawwija ta' Ġesù. Dan il-protettur li Ġesù ser jitlob lill-Missier ser jippreċedihom f'kull diffikultà. L-ispirtu mhux ser ikun il-konsegwenza tad-diffikultajiet imma l-prevenzjoni tad-diffikultà. Din hija preżenza li mhix dovuta għad-diffikultajiet imma ser tkun għajnuna kostanti.

- v.16: *meta emon* – "magħkom" fis-sens ta' protezzjoni u għajnuna.
- v.17: *para emin* – "għandkom/fikom" fis-sens li waqqaf għamartu (*presso di voi*) jintuża l-verb *meno*.
- v. 18: *en emin* – "ġewwa fikom" fis-sens ta' preżenza fil-profond tal-interjorità tagħhom.

*****************************************************************

**v. 23: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna niġu u ngħammru għandu. Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi."**

Ġesù jwieġeb it-tielet mistoqsija li ssirlu: "Ġuda - l-ieħor, mhux l-Iskarjota - qal lil Ġesù: 'Mulej, din kif inhi li inti se turi ruħek lilna u mhux lid-dinja?'"

Ġesù jagħti l-paċi tal-qalb lil dawk li jemmnu biex ma jinkwetaw b'xejn u għal xejn għax il-komunità ta' dawk li jemmnu tħaddan dan l-Ispirtu s-Santu.

Jgħinhom biex jinsew lilhom infushom u jaħsbu fl-oħrajn, u dan għaliex jaslu biex jagħrfu li f'din il-Kelma hemm il-qawwa kreatriċi ta' Alla u t-tweġiba għal kull ambizzjoni ta' milja ta' ħajja li jista' jkollu l-bniedem. Hekk il-bniedem isir il-veru santwarju ta' Alla għaliex fih tidher l-imħabba ta' Alla quddiem l-bnedmin kollha.

**v. 24: "U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni."**

Mhux Alla li jassorbi lill-bniedem, imma li jagħtih il-ħajja. Jippotenzja lill-bniedem biex jattwa lilu nnifsu fl-imħabba.

**v.25: "Għedtilkom dan meta għadni magħkom."**

Ġesù jidher bħala dak li qiegħed itemm il-missjoni li l-Missier bagħtu jwettaq u issa ser iroddlu l-frott ta' ħidmietu. Il-preżenza fiżika tiegħu waslet biex tintemm u jrid jiggarantixxi kontinwità ta' għajnuna u konfort.

**v.26: "Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom."**

L-Ispirtu s-Santu huwa magħruf għall-ħidma ta' tqaddis, li jifred lil min jilqgħu mill-ħażen, mid-dlam u mill-gidba. U dan f'isem Ġesù, is-Salvatur għax iwettaq is-salvazzjoni biex il-bniedem jilħaq il-milja tiegħu: "jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom."
Ġesù mhux jitkellem minn xi messaġġ ieħor jew ġdid, imma l-għarfien sħiħ ta' dak kollu li qalilhom. Il-Kelma t'Alla hija tant kbira li ma tifhimhiex f'darba imma hemm proċess li matulu tikber il-ħila tal-imħabba biex hekk tiftiehem aktar u aħjar. Aktar ma jilqgħu l-Ispirtu s-Santu, aktar iseħħilhom jorjentaw ħajjithom għas-servizz tal-oħrajn biex jikkomunikawlhom il-ħajja.
Hekk Ġesù u l-messaġġ tiegħu jiġi mifhum aktar. Il-Kelma ta' Alla tiftiehem u ssir komprensibbli (kredibbli) meta tiġi mgħixa. Aktar ma hija kbira t-tweġiba tal-imħabba għall-oħrajn, aktar ifisser li huwa kbir l-għarfien tal-messaġġ ta' Ġesù. L-Ispirtu jibqa' jqanqal tweġibiet ġodda għall-ħtiġijiet ġodda.
Bis-solennità tal-Pentekoste titwettaq it-talba li l-Iben jagħmel lill-Missier: "u jien nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom difensur ieħor..."
Il-Pentekoste kienet waħda mit-tliet festi agrikoli li l-poplu Lhudi kien jiċċelebra. Kienu l-festi tal-Ażżmi, jew tal-Għid, il-festa tal-frott jew tal-ġimgħat li kienet tikkonċidi mal-ġbir tal-ewwel frott tal-istaġun, magħrufa bħala l-Pentekoste u l-festa tal-ħsad jew tat-tined.
Il-Pentekoste minn festa agrikola ħadet tifsira reliġjuża mill-aktar importanti. Kienet il-festa li fiha kienu jfakkru u jroddu ħajr lil Alla għar-rigal tat-Torah fuq is-Sinaj lil Mosè. Huwa f'dan il-jum li fih il-komunità Lhudija kienet tiċċelebra d-don tat-Torah, li jingħata l-Ispirtu s-Santu lill-komunità ċkejkna ta' dawk li jemmnu f'Ġesù.
Luqa huwa attent biex jippreċiża l-bidla radikali fit-tifsira marbuta ma' din il-festa: mill-patt ta' Mosè għall-patt il-ġdid imwettaq fi Kristu. Waqt li l-patt ta' Mosè kien imsejjes fuq patt bejn qaddejja u sid li jitfisser u jissarraf fl-ubbidjenza għal-Liġi, fil-patt il-ġdid Ġesù mhux il-qaddej

ta’ Alla imma l-Iben t’Alla, u joffri relazzjoni ġdida bejn ulied u missier, liema relazzjoni mhix msarrfa fl-ubbidjenza għal-liġijiet imma fuq l-aċċettazzjoni ta’ mħabbtu u l-għajxien skont imħabbtu. Dan huwa l-patt il-ġdid, iċċelebrat fil-festa tal-Pentekoste.